MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Numru 1123/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**
**vs**

**Maurizio Casha**
**Donald Montebello**
**Daniel Vincent sive Daniel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Maurizio Casha, ta' 26 sena, bin George u Maria Assunta nee' Cutajar, imwieled Attard nhar it-23 ta' Marzu 1980 u li joqghod 'Primduww', Triq San Nikola, Qrendi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 171480M. Donald Montebello, ta' 29 sena, bin Anthony u Rita nee' Grech, imwieled Pieta' nhat il-15 ta' Mejju 1977 u li joqghod 46, Triq is-Sultana, Rahal

il-Gdid, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 297277M. Daniel Vincent sive Daniel Vella, ta’ 27 sena, bin Francisu  Alfreda nee’ Fenech, imwieled Kingslynn l-Ingilterra, nhar it-2 ta’ April 1979 u li joqghod Flat 9, Bellavista Court, Triq Bellavista, San Gwann, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru’ 248187M.

Billi gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta’ Mejju 2006 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun, ndahlu biex ibieghom jew imexxhuhom, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Seduta tallum fl-ezami l-imputat wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo iddikjara rigward l-akkuza migjuba kontra l-imputati, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, li l-oggett soggett ghar-ricettazzjoni gie mghoddi lill-Pulizija sabiex jigi ritornat lil sidu. Inoltre l-istess Ufficjal Prosektur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-imputati, umilment issugerixxa li l-Qorti tikkunsidra fil-konfront tal-imputati kollha taghti l-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat li l-avukati difensuri tal-imputat aderixxu ghal dak dikjarat mill-Ufficjal Prosektur.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikoli 334(a) u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Maurizio Casha, Donald Montebello u Daniel Vincent sive Daniel Vella, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fatt li l-imputat ammettew fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputati Maurzio Casha u Donald Montebello u l-fedina penali minima tal-imputat Daniel Vincent sive Daniel Vella u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza tillibera lill-imputati Maurizio Casha, Donald Montebello u Daniel Vincent sive Daniel Vella taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Maurzio Casha, Donald Montebello u Daniel Vincent sive Daniel Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------